MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Numru 730/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur C. Galea Scannura)**

**vs**

**MARIA AGIUS**

**Illum 19 ta' Settembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Agius giet akkuzata talli:

Fid-09 ta' Lulju, ghall-habta tad-Disgha ta' filghodu gewwa l-hanut White Frost li jinsab fi Triq il-Kbira gewwa Hal-Qormi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew

gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli liema hsara hija izjed minn Hamsin Lira u inqas minn Hames Mitt Lira Maltin u liema hsara saret fuq il-water fittings ta' l-ghamla One Revers Osmosis ghad-dannu tal-Kumpanija White Frost;

Akkuzata wkoll talli fl-istess data, hin u lok kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Manda Schembri u dan skond kif iccertifika Dr Karl causon tac-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi;

Akkuzata wkoll talli fl-istess data, hin u lok hebbet ghall-persuna ta' Amanda Schembri sabiex tingurjaha, iddejhjaqha u taghmlilha hsara;

Akkuzata wkoll talli fl-istess data hin u lok kisret il-paci publika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta htija ggieghel l-imputata thallas id-danni kkagunathi minnha u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok GS3 u nnutat li l-imputata ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur irtira t-talba tal-Prosekuzzjoni fejn il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija ggieghel lill-imputata thallas id-danni kagunati minnha u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Spjegat lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tat lill-imputata ftit taz-zmien sabiex terga' tikkonsidra jekk tikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li regghet giet mistoqsija jekk

tikkonfermax tali ammissjoni jew le l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u nkwantu ghall-ewwel akkuza kkonferma li l-ammont tad-danni sofferti mill-kumpanija White Frost huma ta’ Lm180.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(c), 221(1), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maria Agius, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, il-fatt li l-imputata kkoperat mal-pulizija u li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri tillibera lill-istess imputata taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputata Maria Agius b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma timmolesta lil Amanda Schembri ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ft/DR. SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**
**Magistrat**

Robert Bugeja
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------